Jannar – Ġunju 1984
Nri: 1 – 2

# IL-MALTI

RIVISTA TA'
L-AKKADEMJA TAL-MALTI



TAGĦRIF

FUQ IL-KITBA MALTIJA

XOGĦOL MAĦRUĠ

MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

FIS-SENA 1924.

MALTA
STAMPAT FL-ISTAMPERIJA TAL-GVERN

1924.
[*Jinbiegħ għaxar soldi*]



AKKADEMJA TAL-MALTI

[illegible] ANGLO-SASSONI U RUMANZI FIL-MALTI

[illegible] "TAGĦRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA" (1924)

ŻIEDA MAT-"TAGĦRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA"

A. [illegible]

1. Il-Malti, bħall-ilsna l-oħra kollha, issellef u [illegible] kliem l-aktar minn dawk l-ilsna li jiġi f'kuntatt magħhom kulturalment, soċjalment, ekonomikament u kummerċjalment. Id-dħul ta' kliem barrani li l-poplu [illegible] u jqawwi l-ilsien Malti, [illegible] fundamentalment ilsien semitiku. Għalkemm il-Malti [illegible] misellef [illegible] fonetika, morfoloġika u grammatikali Maltin; oħrajn, li jkunu x' [illegible] joqogħdu u jadattaw aktarx [illegible] z-żmien biex [illegible] għall-Malti.

2. Fl-1924, l-Akkademja tal-Malti fasslet alfabett u ortografija ġdida għall-Malti li saru l-alfabett u l-ortografija uffiċjali fl-1934. L-alfabett u l-ortografija [illegible], u għandhom jiġu [illegible], il-bażi tal-ortografija tal-Għaqda huma, u għandhom jiġu [illegible] tal-kliem misellef tal-Malti. Il-biċċa l-kbira tal-kliem misellef rafija tal-Malti. Il-biċċa l-kbira [illegible] għall-ortografija Maltija, u llum joqgħod, jew qagħad, għall-ortografija Maltija, jekk kelma hix ma naghtux kas, meta niktbu l-Malti, jekk kelma hix imnissla mill-ilsien semitiku jew minn ilsna oħra.

3. L-iktar interferenza fl-ilsien Malti daħlet mill-ilsien Ingliż, peress li dan la jitlissen u lanqas isegwi l-fonetika jew ortografija Maltija. Terġa', l-influwenza tal-Ingliż fuq il-Malti hi kbira u sa mit-tfulija. Minħabba dan spiss jinħolqu konflitti u diffikultajiet fuq kif għandna niktbu xi kliem li daħal fil-Malti minn dan l-ilsien sew għax dan il-kliem ma joqgħodx għall-fonetika jew ortografija Maltija, sew għax ikun għadu ġdid u ma ndarax fil-Malti. Għalkemm kliem bħal dan iqajjem xi diffikultajiet fil-kittieba skond il-preferenzi tagħhom, jista' u għad isir Malti bl-użu u l-prattika.

/2.....

## ŻIEDA MAT-*TAGĦRIF*

## 1924 – 1984

// IL-MALTI

IMWAQQAF F'MARZU 1925
MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
illum imsejħa
**AKKADEMJA TAL-MALTI**

**BORD EDITORJALI**

*Editur:* P. Alfred M. Previ
61, Triq il-Kattidral, Tas-Sliema
Tel: 35389

*Membri:* Joe Zammit Ciantar
Joseph J. Camilleri
Dr. Wallace Ph. Guilia

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju Onorarju.
All communications should be addressed to the Hon. Secretary.
Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.
Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.

## IL-KUNSILL TA' L-AKKADEMJA 1984 – 1986

| | |
|---|---|
| *President* | P. Joe Chigo S.J. |
| *viċi President* | Prof. Mons. Karm Sant B.A., D.D., S.S.D. |
| *Segretarju* | Manwel F. Attard |
| *Teżorier* | Anton Agius Muscat |
| *Relazzjonijiet Pubbliċi* | Jos. Zammit Mangion B.Educ., B.A.(Hons.), M.Phil. (Lond.) |
| *Membri* | Jos. J. Camilleri B.A., M.A., A.I.E. (Lond.) |
| | Charles Coleiro |
| | Tarcisio Ellul B.A. |
| | Francis Ebejer |
| | Charles Galea Scannura B.A.(Hons.), A.C.P., A.R. Hist. S. |
| | Pawlu Mifsud |
| | P. Alfred M. Previ B.A.(Hons.), A.I.L. |
| | Joe Zammit Ciantar B.A., M.A. |

*Presidenti Onorarji:*

Prof. G. Aquilina B.A., L.L.D., Ph. D. (Lond.), F.R.A.S.
Is-S. T. l-Imħallef W. Ph. Gulia L.L.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Adm.)(Manch.), D.P.A.(Lond.)

*Numru Speċjali* (maħruġ
b'deċiżjoni tal-Kunsill)
dwar iż-ŻIEDA mat-TAGĦRIF (1924)

UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIB.

## EDITORJAL

# ŻIEDA MAT-TAGĦRIF

Dan in-numru speċjali ta' *Il-Malti* qiegħed jinħareġ mill-Akkademja tal-Malti bil-ħsieb li l-konklużjonijiet li s-Seminar ta' ġurnata li għamlet l-Akkademja tal-Malti nhar l-14 ta' April 1984, fid-Dar tal-Ġiżwiti, Mount Saint Joseph, dwar żieda mat-Tagħrif fuq l-ortografija ta' neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumanzi fil-Malti jaslu f'idejn kull min hu interessat jew għandu għal qalbu lsien pajjiżna.

Flimkien mal-konklużjonijiet qegħdin nippubblikaw id-diskors li bih il-President ta' l-Akkademja fetaħ dan is-seminar. Dan id-diskors huwa xieraq li jkun pubblikat f'dan in-numru speċjali billi jfisser ix-xogħol ta' thejjija li l-Akkademja kienet għamlet qabel waslet għas-seminar li fih ittieħdu d-deċiżjonijiet dwar din iż-Żieda. Dan id-dokument huwa xhieda sħiħa tal-ħajja ta' l-Akkademja fi żminijiet reċenti, u ta' xogħol bla daqq ta' trumbetti li jfakkar fl-idjoma "Kaxxa vojta tagħmel ħoss".

Dan id-dokument l-Akkademja waslet għalih, bla premeditazzjoni ta' xejn, fis-sittin sena mindu kien stampat it-Tagħrif fl-1924. Wieħed jista' jgħid li ma kienx hemm mod aħjar biex ikun iċċelebrat dan l-anniversarju, mill-fatt illi s-Seminar jidher ċar li kien tal-fehma li t-Tagħrif kien u għandu jibqa' d-dokument l-aktar storiku fl-evoluzzjoni ta' l-ortografija tal-Malti għax kien ta lill-Malti bażi soda xjentifika li sittin sena wara ma jidhirx li hemm xi ħtieġa li tkun riveduta fil-qofol tagħha.

Din iż-Żieda, huwa ċar, kienet biċċa xogħol iebsa u ta' tul li involviet l-aħjar kontribut tal-kittieba tal-Malti li tassew għandhom in-namra tas-suġġett, u li x-xogħol li taw ma tawhx biex jidhru jew biex iżidu ma' li għandhom. Sehem sħiħ iktar minn daqshekk ħadd ma jista' jistenna u xogħol bħal dan, id-dinja ċivilizzata kollha tagħraf bħala l-aqwa u l-aħjar li jista' jingħata.

Wara dan ix-xogħol kollu min-naħa tagħha, x'tistenna issa l-Akkademja tal-Malti? Tistenna li s-siwi ta' dan id-dokument ikun magħruf u li l-kittieba kollha tal-Malti joqogħdu għar-regolamentaz-

PJ - MZC

zjoni li toħroġ minnu. Din hi ħaġa meħtieġa għax jekk dan ma jsirx nerġgħu mmorru lura mitt sena u l-ebda ġenerazzjoni ta' bnedmin ma tista' tarmi mitt sena!

Il-qasam tal-kitba tajba bil-Malti mill-Maltin huwa qasam Nazzjonali li għandna nieħdu ħsiebu xejn inqas minn kull qasam ieħor li huwa tassew nazzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar kif kien intqal tajjeb, u tajjeb ħafna, l-ilsien Malti biss huwa tassew Malti:

*"Din biss ħabib ta' qalbi*
*Għandi, din Alla tani,*
*Dil-kelma li bi ġmielha*
*Nitgħaxxaq qed tarani."*

L-anqas ma nistgħu ngħidu li din hi xi ambizzjoni żejda min-naħa ta' l-Akkademja tal-Malti. Biżżejjed niftakru li l-Gvern Kolonjali kien impona fuq il-poplu Malti, il-lum kulħadd jagħraf fl-aħjar interess ta' Malta, l-ortografija xjentifika tal-Malti li kien fih it-Tagħrif, għaxar snin biss wara li kien deher dak id-dokument storiku, u dan eżattament ħamsin sena ilu.

B'dan l-Akkademja tal-Malti l-lum tiftaħar!

Imħabba dan l-Akkademja għandha għax tittama li poplu rajh f'idejh jagħraf ma jkasbarx lilu nnifsu u jiddeċiedi li jsegwi l-bon sens li ż-Żieda li s-seminar wasal għaliha turi ċar u mill-ewwel.

Kelma ta' egħluq: Dan id-dokument ma jfissirx li l-bibien ta' l-istudju jew ta' l-għerf huma magħluqa. Ma hemm xejn ħażin li l-istudjuż tassew tas-suġġett jibqa' jifittex u jistudja għax hekk xieraq; imma ma nistgħux nerġgħu nibdew inbagħbsu bl-ortografija tal-Malti jew inħallu f'idejn kul min, kultant kontra qalbu, u kontra l-istudji kollha tiegħu, ikollu jikteb bil-Malti! Il-kitba tal-Malti għandha tittieħed bl-istess serjetà li poplu ċivilizzat jieħu ta' l-interessi Nazzjonali tiegħu!

**Radd ta' Ħajr**

L-Akkademja tal-Malti tirringrazzja minn qiegħ qalbha lir-**'Rothmans Group of Companies'** u partikolarment lill-Managing Director tagħhom f'Malta, is-Sur Ronald V. Pizzuto, għas-sussidju ġeneruż li taw lill-Akkademja biex għamlu l-pubblikazzjoni ta' dan l-għadd speċjali ta' *Il-Malti* possibbli. Bil-prezzijiet ta' l-istampa li għandna l-lum, din il-pubblikazzjoni ma kinitx tkun possibbli.

# AKKADEMJA TAL-MALTI

## Seminar Aġġornament tal-Malti: Tarġa Gap, Mosta
## is-Sibt 14 ta' April, 1984
**President:** **Is-S.T. l-Imħallef, Dr. Wallace Ph. Gulia**

## PROGRAMM

| | | |
|---|---|---|
| 9.30 a.m. | – | Ftuħ tas-Seminar mill-President ta' l-Akkademja, is-S.T. Dr. Wallace Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.) |
| 9.45 a.m. | – | Proċedura u Qari tar-Rapport tal-Kummissjoni mwaqqfa mill-Akkademja<br>Bidu ta' l-istudju tar-Rapport (Sezzjonijiet A u B), diskussjoni u riżoluzzjonijiet |
| 10.30 a.m. | – | Ħin għall-Kafè |
| 11.00 a.m. | – | Issuktar ta' l-istudju tar-Rapport (Sezzjoni Ċ), diskussjoni u riżoluzzjonijiet |
| 1.00 p.m. | – | Ħin għall-Ikel u l-Mistrieħ |
| 2.30 p.m. | – | Issuktar ta' l-istudju tar-Rapport (Sezzjoni Ċ), diskussjoni u riżoluzzjonijiet |
| 3.45 p.m. | – | Finalizzazzjoni tar-Rapport |
| 4.30 p.m. | – | Ħin għat-Tè |

## KONTRIBUTURI

Il-Kummissjoni tiżżiħajr lil dawn il-persuni li għoġobhom iwieġbu għall-appell li kien deher fil-gazzetti u tawha l-kontribuzzjoni u/jew l-għajnuna tagħhom:-

Agius Mikiel, 12/18 Triq id-Dejqa, Valletta.
Aquilina Prof. Ġużè, Riħana, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Balzan.
Attard Emanuel, Sylvio, Fl. 1, Triq San Filippu, B'Bugia.
Azzopardi Rev. John S.J., Dar Manresa, Rabat, Għawdex.
Balzan Nardu (Imqareb), Sqaq tax-Xatba l-Ħamra, Mqabba.
Ċilia Ġanni A., 23A, Triq Sir H. Luke, Mġarr.

Coleiro Mgr. Prof. Edward, 181, Triq Melita, Valletta.
Debattista P.L., 13E, Triq Idmejda, Balzan.
Glavina Rev. D.M., S.J., Dar Manresa, Rabat, Għawdex.
Mercieca Anthony, 20, Triq Valletta, Qormi.
Mercieca Rev. G., 46, Triq il-Librerija, Rabat, Għawdex.
Previ Karmenu, 22, Triq il-Kunċizzjoni, l-Isla.
Vassallo Karmenu, Pulvis et Umbra, Triq l-Iskola l-Ġdida, Siġġiewi.
Zahra Trevor, Triq Ġebel Ħanxul, M'Scala.
Zammit Manġion J., 54, Triq Sta. Marija, Sliema.

## *PREŻENTI*

Agius Muscat Anton
Agius Michael
Apap Victor
Aquilina, Prof. Ġużè, B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), F.R.A.S.
Aquilina Pawlu
Aquilina Sunny
Attard Charles
Attard Emmanwel F.
Attard Mario
Balzan (Mqareb) Nardu
Bezzina Mario F.
Borg Edwin P.
Borg George
Buontempo, Rev. Kan. Amante
Cachia, Rev. Lawrenz, Lic.D.
Camilleri Joseph J., B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)
Caruana Peter A.
Cassar Pullicino Ġużè
Chetucti Ġużè
Cilia Ġanni A.
Coleiro Charles
Ebejer Frans
Ellul Godwin
Ellul Tarcisio
Falzon, Prof. Joseph, M.Ed., B.A., Dip. Child Psy., A.B. Pss.
Felice Pace Joseph, B.A. (Hons.), Lic.D.
Galea Scannura Charles, B.A., B.A. (Hons.),A.C.P., A.R.Hist.S.
Gatt Mary Rose, B.A., B.A. (Hons.), M.A.
Glavina Daniel, S.J. Rev.
Gulia Wallace Ph. S.T. l-Imħallef Dr. LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.)
Magro Charles
Massa Alfred
Mercieca Anthony
Mifsud Frans B.A. (Hons.), M.A.
Mifsud Chircop Gorg B.A. (Hons.), M.A.
Mifsud Pawlu
Mizzi Paul B.A.
Muscat Mary Ann
Previ Karmenu
Puli Mary C.
Refalo Rapa Julian
Sammut Frans B.A., S.Th.Dip.
Sant Mons. Prof. Karm, B.A., D.D., S.S.D.
Schembri Ludovik Rev., O.C.D.
Sciberras John
Sciberras Joseph
Scotto Roger B.A. (Hons.) Econ., D.P.A., A.M.B.I.M.
Spiteri Charles

Wettinger Gedfrey Ph.D.
Zahra Walter
Zammit Ciantar Joseph, B.A.,
Zammit Mangion Joseph, M.A. M. Phil. (Lond.)
Zammit Rev. Karm, B.A., Lic.D.
Zammit Karmenu

# TAĦDITA TAL-FTUĦ TAS-SEMINAR

## mill-President ta' l-Akkademja: L-Onor. Mħallef Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph. C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.)

*Ħbieb,*

*Il-lum hija tassew ġurnata li tibqa' mfakkra fil-ġrajja tal-Moviment tal-Malti, għax il-lum, wara iktar minn sittin sena ta' ħajja, din il-qroqqa x-xiħa, kif ġiet mgħajra kemm-il darba l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li baqgħet ħajja meta dawk li kienu jgħajruha hekk qatgħu nifishom u ndifnu fit-trab ta' l-istorja, din l-istess Għaqda sejra hija nfisha tara x'żieda jeħtieġ li ssir mat-Tagħrif li kien bena l-ortografija tal-Malti fuq sisien xjentifiċi f'egħluq is-sittin sena mill-pubblikazzjoni tat-Tagħrif fl-1924. Meta tqis kemm ħadmet l-Akkademja tal-Malti bla daqq ta' trombi waqt li kienu jgħajruha li m'hi tagħmel xejn, jidhirli li din il-ftaħira hija mistħoqq a u ġustifikata!*

*Biex inkunu nafu sew fejn aħna, huwa meħtieġ li jingħad li d-dokument li nittamaw li sejrin niffinalizzaw il-lum, m'hux xi dokument li nkiteb malajr malajr, bis-"suq għax sebaħ". Meta fl-1974 tajtuni l-ġieħ meta ħtartuni President ta' l-Akkademja tal-Malti, kien diġà hawn xi għajdut li kien wasal iż-żmien li terġa' tingħata daqqa ta' għajn lejn it-Tagħrif biex jiġi aġġornat skond il-ħtieġa taż-żminijiet imdawla li qegħdin ngħixu fihom! Il-Kunsill ta' l-Akkademja għas-snin 1974 – 76 deherlu li kellu jitħarrek biex il-ħaġa tkun studjata sew bl-istess metodu xjentifiku li kien wassal għat-Tagħrif. Beda billi organizza konferenzi fuq l-Ortografija tal-Malti mis-Sur Erin Serracino Inglott u l-Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), F. Hist. S., li kienu saru fl-Università l-Qadima, il-Belt, u li wara kienu pubblikati f'numru speċjali ta'* Il-Malti. *Imbagħad ħatar Kummissjoni biex tieħu ħsieb it-tieni edizzjoni tat-Tagħrif. Billi jiena qatt ma studjajt l-ilsna semin,*

*għamilt li stajt biex nibqa' barra minn dik il-Kummissjoni li kienet magħmula minn tliet studjużi tal-Malti li kienu jafu l-Għarbi tajjeb: il-Monsinjur Professur Dun Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D., ir-Rev. Patri Dwardu Fenech, O.S.A., B.A., M.A., Ph.D., u s-Sur Emanuel Mifsud, B.A. (Hons.).*

*Din il-Kummissjoni ma waslitx għal rapport finali, iżda kienet iltaqgħet kemm-il darba u mill-kuntatti li żammejt magħha, kien jidher li wara l-istudji tagħhom kienu tal-fehma li m'hux il-każ ta' xi aġġornament rivoluzzjonarju u li t-Tagħrif kien dokument storiku li qeda lill-poplu tagħna tajjeb fil-kors tas-seklu tagħna u li tista' ssir ħsara u mhux ġid jekk dak id-dokument storiku jintmess bin-naqriet imħabba entużjażmu rivoluzzjonarju żejjed. Il-Kunsill ta' l-Akkademja għas-sentejn ta' wara (1976 – 78) ħass il-ħtieġa li jkompli l-istudju fil-materja għaddejja u reġa' waqqaf Kummissjoni oħra biex tkompli x-xogħol. Il-Kunsill kien xtaq li jżomm l-istess Kummissjoni tas-sentejn ta' qabel, iżda sfortunatament kemm il-Mons Sant kif ukoll Patri Dwardu fissru l-fehma ċara li l-impenji tax-xogħol tagħhom ma kinux iħalluhom jibqgħu fil-Kummissjoni u din id-darba l-Kummissjoni kienet magħmula minni u mis-Sur Emanuel Mifsud li b'hekk baqa' l-ħolqa fil-katina tal-Kummissjoni l-qadima u l-oħra l-ġdida, u s-Sinjorina Mary Rose Gatt, B.A., B.A. (Hons.), M.A. Din ta' l-aħħar kienet taf l-Għarbi, almenu fil-livell tal-B.A. fil-Malti. Din il-Kummissjoni reġgħet ma waslitx għal rapport finali, għalkemm għamlet ħafna xogħol u kienet tiltaqa' regolarment bejn darba fil-ġimgħa u oħra fil-ħmistax id-dar tiegħi wara x-xogħol. Din il-Kummissjoni wkoll kienet sħiħa fil-fehma li ma kienx jidher il-każ ta' xi edizzjoni aġġornata tat-Tagħrif u bdiet turi l-fehma li jekk kien hemm xi ħtieġa din kienet ta' ħarsa lejn kif il-kliem missellef minn ilsna barranin kellu jidħol fil-kitba fil-Malti billi t-Tagħrif kien ħares tajjeb ħafna lejn is-saff semitiku tal-Malti, iżda ftit li xejn lejn is-saffi l-oħra li ġew wara, ta' kliem Rumanz u kliem ta' nisel Anglo-Sassonu.*

*Il-Kunsill ta' l-Akkademja għas-sentejn ta' wara (1978 – 1980) kellu l-istess fehma li jżomm ħajja l-Kummissjoni, iżda s-Sur Mifsud wera ċar li ma setax jibqa' fil-Kummissjoni u l-Kunsill ħatar floku lis-sur George Mifsud Chircop, B.A. (Hons.), M.A., li huwa wkoll studjuż ta' l-Għarbi. Din il-Kummissjoni kompliet bil-laqgħat ta' darbtejn, erba' darbiet fix-xahar għandi meta bqajna għaddejjin bit-tè u l-istudju tat-Tagħrif wara x-xogħol, iżda l-istess ma waslitx għal rapport finali.*

*Il-Kunsill ta' l-Akkademja għas-sentejn ta' wara (1980 – 1982) baqa' bl-istess fehma, iżda din id-darba sfortunatament kemm is-Sinjorina Mary Rose Gatt, kemm is-Sur George Mifsud Chircop ħassew li l-impenji tagħhom l-oħra ma kinux iħallulhom iż-żmien biex jibqgħu fil-Kummissjoni u l-Kunsill xtaqni nibqa' għaddej bix-xogħol b'konsultazzjoni sħiħa ma' l-esperti tal-Malti li kien jidhirli xieraq.*

*Qtajtha li nkompli l-istudji tiegħi b'konsultazzjoni mal-Professur*

*Ġużè Aquilina u mal-kompjant is-sur Erin Sarracino Inglott li kien diġa' ħareġ xi żewġ volumi jew tlieta tax-xogħol kbir tiegħu* Il-Miklem Malti. *Billi l-Professur Aquilina kien għallimni l-Malti l-Università fit-tieni kors li għallem hu fis-snin 1942 – 43 u 1945 – 1947, u fiż-żmien li jiena kont is-Segretarju ta' l-Għaqda tal-Malti (Università), fhimt li kien jaqbel li l-ewwel nibda b'konsultazzjoni sħiħa miegħu, u l-Professur kien jilqagħni għandu d-dar tiegħu darba fil-ġimgħa wara x-xogħol, (il-mara tiegħi tpaċpaċ mal-mara tiegħu) u jiena u hu naqraw flimkien u nikkummentaw fuq it-Tagħrif. Kont diġà miftiehem mas-Sur Erin biex nibda mmur għandu darba fil-ġimgħa flok nibqa' mmur għand il-Professur, meta faqqgħet polemika mibdija minn Erin fis-*Sunday Times *fuq din l-imbierka Ortografija li fiha ħadu sehem fost oħrajn, Ġużè Aquilina, Frans Sammut u jiena, u kien jidher li aħjar inwaqqaf ix-xogħol tiegħi ta' konsultazzjoni għal xi żmien, għalkemm għandi ngħid f'ġieh il-ħaqq u s-sewwa li r-rapporti tiegħi ma' Erin Serracino Inglott baqgħu kif kienu mill-aħjar. Iżda sadanittant il-fehma kienet issaħħet sew fija illi ma kienx jidher il-każ ta' xi taqlib rivoluzzjonarju li kien jitlob it-tieni edizzjoni, iżda Żieda li tħares lejn il-kitba ta' kliem missellef l-aktar minn ilsna Rumanzi u oħrajn Anglo-Sassoni. It-Tagħrif kien dokument storiku li tkun ħasra jekk jintmess imħabba xi dettall għax kien, kif trid l-istorja, li ħadd ma jħassarha, riflessjoni taż-żmien li fih inġabar u kien pubblikat.*

*Din il-fehma kienet mistħarrġa sew mill-laqgħa ġenerali li fiha ntgħażel il-Kunsill ta' l-Akkademja għas-snin 1982 – 84 u kienet milqugħa fis-sens li kien jidher li l-ewwel ħaġa li kellha ssir kienet proprju din. Il-Kunsill il-ġdid mill-ewwel ħatar Kummissjoni ġdida għal dan l-iskop magħmula mill-President ta' l-Akkademja u s-Sinjuri Pawlu Aquilina, Ġużè Chetcuti, J.J. Camilleri u Joseph Zammit Mangion.*

*Din il-Kummissjoni daħlet għax-xogħol tagħha b'entużjażmu iżda billi beda jidher li l-impenji l-oħra tal-membri kollha kienu qegħdin jagħmluha diffiċli biex il-Kummissjoni tiltaqa', il-Kummissjoni qatgħetha li taħtar iż-żewġ membri li kienu tfaċċaw dejjem għal-laqgħat (Is-Sur J.J. Camilleri u l-President ta' l-Akkademja) biex ihejju l-karta meħtieġa għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni. Konna niltaqgħu darba fil-ġimgħa u hekk kienet imhejjija l-ewwel verżjoni tad-dokument li se nistudjaw f'dan is-Seminar ta' ġurnata. Din il-verżjoni kienet riveduta mill-Kummissjoni kollha u f'dan l-istadju taw is-sehem tagħhom sħiħ il-membri kollha tal-Kummissjoni. Mill-Kummissjoni d-dokument mar għand il-Kunsill ta' l-Akkademja li studjah sew u reġa' bnieh fil-forma li deherlu xierqa, bl-għajnuna partikolari tas-Sur J. Zammit Mangion, membru tal-Kummissjoni, li daħal għal din il-kedda bl-entużjażmu kollu. Issa d-dokument finali qiegħed quddiemna lkoll, ġemgħa ta' erba' u ħamsin studjuż tal-Malti, li dħalna lkoll għal dan ix-xogħol volontarju fl-aħjar tradizzjoni tad-dilettanti, in-nies li jagħmlu x-*

*xogħol għax għandhom in-namra tal-ħaġa u mhux għax iridu jħaxxnu l-bwiet tagħhom jew għax huma interessati finanzjarjament. F'dinja li kulma tmur qiegħda tagħti importanza iktar u iktar lill-vili flus flok lill-imħabba tal-ħaġa dan is-sentiment tagħna lkoll huwa żgur ta' min ifaħħru. Fl-istess waqt irridu napprezzaw ukoll li fl-istudju rridu nħallu l-wisa' għall-istudjuż u ma nistgħux nippretendu li l-għadd ikbar ta' nies jista' jipprevali fuq il-fehma ta' l-istudjuż. Kif kont tgħallimt Manchester f'kors ta' Ħsieb Politiku Modern fil-fakoltà ta' l-istudji soċjali: żero multiplikata b'miljun żero, jagħti żero u mhux xi ġenju kbir u "ċ" moltiplikata bi 300,000 "ċ" tagħti "ċ" u mhux xi bozza ta' l-elf.*

*Billi hemm ix-xewqa li dan id-dokument ikun finalizzat fis-Seminar tal-lum biex ma nibqgħux inkarkru bla deċiżjoni finali, nixtieq infisser il-proċedura li sejrin insegwu biex naslu għall-kunsiderazzjoni sħiħa tad-dokument kollu. Kif jidher mill-programm tax-xogħol li qiegħed f'idejkom, il-Kunsill ta' l-Akkademja ħaseb diġà u qasam id-dokument f'biċċiet u alloka l-ħin li kull biċċa għandha tkun ikkunsidrata fih. Fil-bidu ta' kull taqsima, sejra tinqara t-taqsima li se tkun studjata. Kull min jixtieq li xi punt partikolari jkun diskuss, jekk jogħġbu jerfa' idu ħalli ssir nota tal-punti li jkun hemm għad-diskussjoni. B'hekk inkunu nafu xi żmien nistgħu niddedikaw għad-diskussjoni ta' kull punt. Fi ħsiebi nżomm id-dixxiplina bl-iebes; ħadd ma jkun jista' jitkellem fuq xi punt iktar minn darba u ħadd ma jkun jista' jieħu iktar minn minuta biex ifisser ruħu. Malli jiskadi l-ħin iddedikat għall-kunsiderazzjoni ta' xi vot, jittieħed vot dwaru u d-diskussjoni dwaru, tajjeb jew ħażin ikollha tieqaf hemm, għax inkella ma naslux.*

*Nixtieq nagħlaq din id-daħla tiegħi billi nirringrazzjakom ilkoll talli ġejtu daqshekk numerużi għal dan is-Seminar. Nistqarr li fil-ħidmiet kollha li organizzajt f'għomri fil-moviment tal-Malti, qatt ma kelli s-sodisfazzjon li għandi dalgħodu li għal laqgħa ta' studju bħal din tagħna jitfaċċaw mhux xi ħamsa min-nies li tgħoddhom fuq is-swaba' ta' id waħda, iżda n-numru sabiħ tagħkom ilkoll — li bil-fehma tagħkom ta' studjużi li għandhom in-namra tas-suġġett tiffinalizzaw din il-karta, Żieda mat-Tagħrif fuq l-Ortografija ta' Neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumanzi fil-Malti.*

# ŻEWĠ ANNIVERSARJI

Il-kwistjoni tal-Lingwa, tista' tgħid li bdiet fl-1813 u damet sa l-1934. Il-problema bdiet bħala waħda edukattiva u kienet tittratta dwar x'lingwi kellhom jitgħallmu t-tfal Maltin fl-iskola. Min ried it-Taljan, min ried l-Ingliż u min riedhom it-tnejn. Il-politiċi Maltin ma qablux bejniethom dwar dan u l-problema saret waħda politika wkoll. B'riħet din il-ġlieda daħal fin-nofs it-tagħlim tal-Malti u, kif igħid il-qawl, "fi ġlieda bejn tnejn, igawdi t-tielet." Kull ma jmur, il-Malti beda jsib ħbieb ġodda. Kienu dawn l-istudjużi, il-kittieba u l-ħbieb ġenwini tal-Malti li fl-1930 organizzaw ruħhom fl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, il-lum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti.

Meta twaqqfet l-Għaqda f'pajjżina ma kienx hemm sistema waħda ta' ortografija. Kulħadd kien jikteb kif ifettillu, l-istess studjużi ma kenux jaqblu bejniethom. Kien hemm l-Għarabisti, l-Għarabisti moderati, ir-Romanzisti, Għaqdiet u individwi oħra li kollha fasslu l-alfabetti tagħhom. Nafu li kien hemm madwar tmienja u tletin alfabett minn dawn. Dment li din is-sitwazzjoni baqgħet, it-tagħlim tal-Malti ma setax jieħu r-ruħ.

Għalhekk, l-ewwel ħidma ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet li fasslet alfabett fonetiku. Fl-14 ta' Novembru 1921, waqqfet Kummissjoni biex thejji dan l-alfabett. Il-membri ta' din il-Kummissjoni kienu s-sinjuri Ġużè Muscat Azzopardi, Ninu Cremona u Dun Karm Psaila għal Malta, u Ġanni Vassallo, l-Avukat Ġużè Micallef u Mons. Pawlu Cauchi għal Għawdex. Dan l-alfabett ġie diskuss u approvat f'Laqgħa Ġenerali fit-18 ta' Novembru 1921.

L-Għaqda talbet ukoll lill-Gvern biex jibda jużа dan l-alfabett fil-pubblikazzjonijiet tiegħu bil-Malti. Ma kienet ittieħdet ebda deċiżjoni dwar din it-talba. Ironikament, kellu jkun il-Gvern Imperjali Ingliż li fl-1 ta' Jannar 1934, ta għarfien lill-alfabett u lill-ortografija tal-Malti. Dan l-alfabett ħa post l-alfabetti l-oħra u baqa' jintuża sal-lum. Din is-sena għalhekk jaħbat il-ħamsin anniversarju ta' dan l-għarfien uffiċjali.

Fis-sena 1924, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet ħarġet ukoll it-'Tagħrif', ir-regoli meħtieġa dwar il-kitba Maltija. Kien avveniment importanti ieħor li tiegħu, dis-sena wkoll, jaħbat is-sittin anniversarju. It-'Tagħrif' kien xogħol Ninu Cremona, bl-għajnuna ta' Ġanni Vassallo u Ġanni Ċilia.

Minn dak in-nhar sal-lum għadda ż-żmien. Billi l-lingwa hi ħaġa ħajja, din tibqa' tiżviluppa u tinfluwenza ruħha minn lingwi oħra. Il-Malti, għad li hu bażikament Semitiku, għandu influwenzi importanti

mill-Isqalli, mit-Taljan u minn lingwi oħra Rumanzi u Anglo-Sassoni. Kliem barrani għadu u jibqa' dieħel fil-Lingwa. Għandna nieħdu pjaċir b'dan l-iżvilupp għax b'hekk il-lingwa tkompli tistagħna. Hu l-poplu li jagħmel il-lingwa u meta jaċċetta kelma barranija u jibda jużaha kuljum, din tibda titqies li saret biċċa integrali mil-lingwa. Iżda kif il-poplu jaċċettaha, jew jibdilha, kif jagħtiha l-bixra Maltija, qatt ma tista' tgħid eżatt. Daqqa jaċċetta kelma u jħalliha kif inhi fl-oriġinal, bħal *karità* u *friġġ* u daqqa jbiddilha u jagħtiha bixra aktar Maltija bħal *xkupilja, jiskorja*. Xi kliem bħal *kuker, tim, referì*, tant daħlu fil-Malti li l-lum ma ngħaddux mingħajrhom.

Iżda dawn il-kelmiet joħolqu għadd ta' problemi, illi ħafna drabi ma tkunx tista' ssolvihom malajr. Joħolqu problemi l-aktar dawk il-kelmiet li ġew minn lingwi Anglo-Sassoni, għax dawn la jitlissnu u lanqas ma jimxu mal-fonetika u l-ortografija Maltija. Huma bażikament differenti u għalhekk hemm diffikultajiet kif tikteb lilhom u xi plural tagħhom, b'riżultat illi l-kittieba Maltin qegħdin jiktbu skond il-preferenzi tagħhom, għax meta ħareġ it-'Tagħrif' l-ewwel darba, dawn il-problemi ma kenux ittrattati.

Xi ħadd irid jieħu l-inizjattiva u l-Akkademja tal-Malti dehrilha li kellha tkompli t-tradizzjoni u tieħu dan ix-xogħol hi. M'hix problema żgħira għax hemm opinjonijiet differenti. Il-Kummissjoni li ħatret l-Akkademja, magħmula mill-Imħallef W. Gulia u s-sinjuri J.J. Camilleri, Pawlu Aquilina, Ġużè Chetcuti u Ġużè Zammit Mangion, hejjiet rapport dwar dawn il-problemi. Il-membri ta' l-Akkademja u studjużi tal-Malti oħra studjaw dan ir-rapport f'seminar ta' jum li sar f'Mount St Joseph il-Mosta, nhar is-Sibt 14 ta' April 1984. Ir-rapport ġie approvat b'xi emendi żgħar.

L-Akkademja għandha l-ħsieb titlob biex dan ir-Rapport dwar "L-Ortografija ta' Neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumanzi fil-Malti, żieda mat- 'Tagħrif' fuq il-Kitba Maltija (1924)", jiġi magħruf uffiċjalment. Dan ikun pass ieħor pożittiv favur l-Ilsien Malti.

# ŻIEDA MAT-*TAGħRIF*

## L-Ortografija ta' Neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumanzi fil-Malti – Żieda mat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija (1924)*

### A. PREAMBOLU

1. Il-Malti, bħall-ilsna ħajjin kollha, issellef u għadu jissellef kliem l-aktar minn dawk l-ilsna li jiġi f'kuntatt magħhom kulturalment, soċjalment, ekonomikament u kummerċjalment. Id-dħul ta' kliem barrani li l-poplu jħoss il-bżonn tiegħu jġedded u jqawwi l-ilsien Malti, għalkemm il-Malti jibqa' fundamentalment ilsien semitiku. Ħafna mill-kliem missellef jingħata bixra fonetika, morfoloġika u grammatikali Maltin. Kliem ieħor, li jkun x'aktarx ġdid, ikun irid iż-żmien biex joqgħod u jaddatta ruħu għall-Malti.

2. Fl-1924, l-Akkademja tal-Malti fasslet alfabett u ortografija ġodda għall-Malti li saru l-alfabett u l-ortografija uffiċjali fl-1934. L-alfabett u l-ortografija tal-Għaqda huma, u għandhom jibqgħu, il-bażi tal-ortografija tal-Malti. Il-biċċa l-kbira tal-kliem missellef joqgħod, jew qagħad, għall-ortografija Maltija, u l-lum ma nagħtux kas, meta niktbu l-Malti, jekk kelma hix imnissla mill-ilsien semitiku jew minn ilsna oħra.

3. L-ikbar interferenza fl-ilsien Malti daħlet mill-ilsien Ingliż, peress li dan la jitlissen u lanqas isegwi l-fonetika jew l-ortografija Maltija. Terġa', l-influwenza ta'l-Ingliż fuq il-Malti hi kbira u sa mit-tfulija. Imħabba dan spiss jinħolqu konflitti u diffikultajiet fuq kif għandna niktbu xi kliem li daħal fil-Malti minn dan l-ilsien sew għax dan il-kliem ma joqgħodx għall-fonetika jew l-ortografija Maltija, sew għax ikun għadu ġdid u ma ndarax fil-Malti. Għalkemm kliem bħal dan iqajjem xi diffikultajiet fil-kittieba skond il-preferenzi tagħhom, jista' u għad isir Malti bl-użu u l-prattika.

4. Hemm, imbagħad, xi elementi fit-"Tagħrif" li, imħabba l-progress tal-Malti f'kuntatt ma' ilsna barranin taħt pressjoni ta' mezzi ġodda ta' komunikazzjoni u l-iżvilupp soċjo-kulturali, jidher li għandhom bżonn ta' aġġornament. Dawn, iżda, huma dettalji, u ma jiksrux regoli fundamentali ta' l-ortografija Maltija. Jidhrilna li nkunu qegħdin inżommu lura l-iżvilupp tal-Malti jekk ma ndaħħluhomx. (Nota: dan japplika, p.e., għar-regola li fil-Malti żewġ vokali f'sillaba waħda, ma jistgħux joqogħdu.)

## B. REGOLI FUNDAMENTALI

Ir-regoli fundamentali li fuqhom tfasslu l-aġġornamenti u l-forom ta' ortografija msemmija iktar 'l isfel huma dawn:-

1. Il-kliem ta' nisel barrani jieħu l-valur tiegħu bħala kliem Malti meta jkun aċċettat u wżat mill-poplu. Minn dak il-ħin għandu jitqies li hu biċċa mill-ilsien Malti, u biex tiktbu la hemm il-ħtieġa li tmur għall-oriġini tiegħu fl-ilsien barrani, u lanqas ma hemm bżonn li tkun taf ilsna barranin. Trid tkun taf biss kif il-kelma tingħad u tinħass fil-Malti. Din turihielna l-fonetika – jiġifieri kif il-kelma tinħass fil-widna għax hekk daħħalha l-poplu.

2. Kliem ta' nisel barrani daħal fil-Malti separatament u indipendentement minn kliem ta' l-istess familja jew egħruq. Għalhekk mhux bil-fors, u m'għandux, fl-ortografija, isegwi regoli grammatikali li jgħoddu għall-ilsien minn fejn oriġinat il-kelma missellfa. Ħafna drabi, fil-Malti, indaħħlu kliem u tlissin li ma tantx juri r-rabta oriġinali tiegħu (eż. magna u makkinarju, bandla u pendlu, fantażma u fantasija, sigurtà u żgur, eċċ.). Terġa', bosta drabi, kliem li daħal sewwa fil-Malti, jieħu bixra għal kollox Maltija billi jdaħħal u joqgħod ukoll għar-regoli grammatikali tal-Malti – plurali, konjugazzjoni, eċċ.

3. Kliem barrani li fonetikament (u xi drabi ortografikament) ma joffri l-ebda diffikultà biex jinkiteb bil-Malti skond ir-regoli ta' l-ortografija Maltija, ma joħloq l-ebda problema u għandu jinkiteb kif jinħass, ħafna drabi saħansitra bħall-oriġinal (agonizzant, filament, spara). Ħafna kliem ieħor fih biss varjazzjonijiet żgħar fl-ortografija (konfużjoni, xelter, gandlier, edukazzjoni, ċans) u dawn rari, jekk qatt, ħolqu diffikultà.

4. Hemm, iżda, għadd ta' kliem, l-iktar mill-Ingliż, u inqas fl-ilsna Rumanzi, li ħoloq xi diżgwid fost il-kittieba u l-għalliema – biex ma nsemmux nuqqas ta' direzzjoni l-iktar mix-xandara u mill-istampaturi. Dan x'aktarx hu kliem li, jew għadu rari fil-Malti (aircraft-carrier, contour, chassis, high-tension), jew iktar imdorrijin niktbuh f'ilsna oħra (snooker, boxer, skates). F'dawn il-każijiet, ħafna mill-problemi jinqalgħu mhux għax ir-regola tal-fonetika Maltija ma taqdix tajjeb biex kliem bħal dan jingħata sura Maltija, iżda għax, jew,

i) min ikun qiegħed jikteb, irid jikteb skond il-preferenza tiegħu; jew

ii) uħud joqogħdu jfittxu t-tnissil u l-etimoloġija tal-kelma u jippruvaw isegwu regoli ortografiċi/lingwistiċi/grammatikali barranin; jew

iii) ma jridux jaċċettaw ir-regoli tal-fonetika Maltija.

5. Għaldaqstant, nagħmluha ċara li kelma barranija ssir Maltija, u tinkiteb skond regoli fonetiċi Maltin, meta

i) tkun daħlet fil-Malti mitkellem u ma tiksirx regoli ortografiċi Maltin

ii) toqgħod għar-regoli grammatikali tal-Malti, bħal p.e., tieħu plural Malti, tikkonjuga ruħha, iżżid prefissi/suffissi Maltin.

6. Jibqa' xi kliem missellef li ma joqgħodx għar-regoli ta' hawn fuq (para 5) jew għax ikun għadu ġdid ħafna, jew għax l-użu tiegħu hu limitat ħafna, jew inkella għax hu isem proprju. Kliem bħal dan jiġi ttrattat iktar 'l isfel (ara para 11).

7. Fl-aħħarnett, għandna dejjem infakkru, li għandna nagħmlu differenza bejn l-ilsien mitkellem u dak miktub. L-Ilsien Miktub għandu dejjem ikun, kemm jista' jkun, mirqum fil-għażla tal-kliem, espressjonijiet u idjomi – saħansitra fil-ġurnaliżmu u iktar f'dik li hi letteratura. Fejn hemm kelma Maltija li taqdi l-iskopijiet kollha tal-ħsieb tal-kittieb, din għandha tingħata preferenza fuq kelma barranija (ez. 'televiżjoni' u mhux 'television', 'Estmi' u mhux 'Baġit', 'ajurport' u mhux 'airport').

Dan li ntqal hawn fuq għandhom ikunu r-regoli bażiċi li fuqhom għandna nfasslu ortografija Maltija għal kliem ġdid fil-Malti.

## C. REGOLI PARTIKULARI

1. ***Kliem barrani li jibda bil-vokali 'i'*** (eż. importanti, immaġinazzjoni, inklinat, injorant, introduċa).

Kliem barrani li fl-ilsien barrani jibda bil-vokali 'i', jibqa' jżomm l-'i' bħala parti integrali tal-kelma wkoll meta l-kelma ta' qabel tispiċċa b'vokali.

**Noti:** Fil-każijiet kollha ta' kliem missellef li jibda bil-vokali 'a', 'e', 'o', jew 'u', il-Malti jżomm din il-vokali. Jidhrilna għalhekk li għandna nżommuha fil-każ tal-vokali 'i' ukoll.

2. ***Verbi missellfa li jibdew b'konsonanti mtennija***

Xi verbi li jibdew b'konsonanti waħda fl-oriġinal, isiru Maltin billi jidduplikaw din il-konsonanti (to land – illandja; to challenge – iċċalinġja; to shoot – ixxottja. F'każijiet bħal dawn, il-vokali 'i' li tinkiteb quddiem il-kelma għandha titqies bħala vokali tal-leħen u taqa' meta (a) ma jkollhiex tifsira grammatikali (p.e. imperattiv),

(b) il-kelma ta' qabilha tispiċċa b'vokali.

**Nota:** Verbi oħra mnissla ma joħolqux diffikultajiet ortografiċi. Dawk li fil-għerq tagħhom jibdew b'vokali (aċċetta, introduċa, implika, eduka, obda, umilja), iżommu din il-vokali.

3. ***Kliem missellef b'aċċent sdruċċjolu***

Daħal ħafna kliem b'aċċent sdruċċjolu fil-Malti. Dan għandna ninkorporawh fl-ortografija – múżika, éduka, télefon, indústrija, íntegru, insípidu, ímputa.

**Nota:** inħallu għall-grammatiċi li joħolqu r-regoli għall-grammatika Maltija f'dan il-każ.

4. ***Żewġ vokali ħdejn xulxin f'nofs ta' kelma***

(a) Kliem missellef li jkun fih il-ħoss ta' żewġ vokali ħdejn xulxin li jinħassu mingħajr il-qadi ta' konsonanti dgħajfa, għandhom jinkitbu mingħajr il-konsonanti qaddejja – hekk, p.e. 'ideal' u mhux 'idejal'/ 'ideali' u mhux 'idejali'; 'idea' u mhux 'ideja'; 'reali' u mhux 'rejali'/ 'realtà' u mhux 'rejaltà'; 'poeta' u mhux 'poweta'.

**Nota:** Noqogħdu ftit attenti hawn. Għandna niktbu/nibqgħu niktbu 'rjal' u mhux 'real' meta din tfisser 'royal', 'fjur' u mhux 'fiur', 'Inkwiżizzjoni' u mhux 'Inkuiżizzjoni'. Jidher li hawn tidħol regola tal-fonetika. Meta l-ħsejjes ta' 'j' u 'w' huma ċari, dawn għandhom jinkitbu flok il-vokali 'i' jew 'u'.

(b) Meta sillaba f'kelma tispiċċa b'vokali 'i' jew 'u' u s-sillaba ta' warajha fl-istess kelma tibda wkoll b'vokali, tidħol il-konsonanti qaddejja 'j' jew 'w' bejniethom, u din il-konsonanti dgħajfa titqies mas-sillaba ta' wara.

(c) Mir-regola ta' hawn fuq joħorġu wkoll żewġ regoli ġodda li jirrigwardaw xi prefissi barranin (bħal 'ko' – u 'ri' –). Fi kliem bħal dan iż-żewġ vokali (waħda tal-prefiss u l-oħra tal-kelma) jinkitbu ħdejn xulxin – p.e. koalizzjoni, koordinazzjoni, riorganizzazzjoni, riorjentazzjoni, għaliex il-prefiss mhux parti integrali mill-kelma.

(d) Għandna nżommu wkoll żewġ vokali ħdejn xulxin (iżda mhux 'ia') meta dawn jaħbtu f'tarf ta' kelma u meta l-aċċent ikun sdruċċjolu – p.e. 'ateu' u 'atei' u mhux 'atew' u 'atej'.

**Nota;** Fi kliem li fih żewġ vokali ħdejn xulxin fl-aħħar sillaba imma hemm ukoll konsonanti finali (x'aktarx 'm'), il-Malti jwaqqa' l-aħħar konsonanti u jaċċenta l-ewwel miż-żewġ vokali. F'dan il-każ, l-aħħar vokali tinbidel f'konsonanti dgħajfa – minn 'Museum' ngħidu 'mużew'; minn 'mausoleum' ngħidu 'musulew'.

5. ***Kliem li fl-ilsien barrani jispiċċa bis-suffiss 'ia/iu'***

Kliem bħal dan fil-Malti jibdel l-'ia/iu' f''ja/ju' jew 'ija/iju' skond il-fonetika u s-sillabar tal-kelma. Igħinna wkoll is-sillabar meta nżidu xi

suffissi mal-kelma. Hekk:

proprju – prop-rja-ment
serju – ser-ja-ment
industrija – in-dus-tri-ja-liz-zat
Awstrija – A-stri-jak
fantasija – fan-ta-si-ja

Is-suffiss 'ija/iju' qatt ma għandu jinkiteb 'ijja/ijju' – 'fantasija' u mhux 'fantasijja', 'anestesija' u mhux 'anestesijja'.

**Nota:** Irid isir xogħol iktar dettaljat fuq din ir-regola, u kull kelma tingħata l-ortografija tagħha. Iżda din ir-regola għandha tibqa' u kliem ta' din il-forma jinbena fuqha.

6. ***Kliem li fl-ilsien oriġinali jinkiteb bil-konsonanti 's' (ħafna drabi mlissna bil-ħoss ta' 'ż') u fil-Malti jista' jieħu l-ħoss ta' 's' jew ta' 'ż'.***

Kliem bħal dan għandu jsegwi l-fonetika, u mhux kif jinkiteb fl-oriġinal. Lanqas hawn ma jreġu r-regoli ta' ħsejjes ta' konsonanti bil-ħoss/bla ħoss qabel konsonanti bil-ħoss/bla ħoss (cp. Aquilina VB = BB, BV = VV). Għandna ninnutaw:

(a) dan il-ħoss (s/ż) meta jkollu vokali kemm qablu u warajh ma joħloq l-ebda diffikultà – diżarm, miżinfurmat, biżestili, fantasija, Inkwiżitur.

(b) dan il-ħoss, meta jiġi f'tarf il-kelma għandna niktbuh kif inħossuh meta l-kelma nżidulha suffiss li jibda b'vokali – deċiż/deċiżi, ġeluż/ġelużi/ġelożija.

(c) Meta dan il-ħoss jiġi fil-bidu jew ġewwa kelma jinkiteb skond il-fonetika – żvilupp, żvantaġġ, sfratt, spjega, fantażma, Ġesù, Ta' Ġieżu, żbandut, skartat.

(d) is-suffiss 'iżmu' għandu dejjem jinkiteb biż-'ż' – Komuniżmu, Soċjaliżmu, Konservatiżmu, ideoloġiżmu. (Nota: imma mbagħad, nużaw is-suffiss 'ist/a': komunist, soċjalist, artista).

**Nota:** Niċċaraw iż-żewġ manjieri kif tinkiteb il-kelma 'kas' fil-Malti. Meta din għandha tifsira ta' ***attenzjoni***, tinkiteb 'kas' u żżid is-suffissi pronominali 'kasi' kasek, kasu, eċċ'; meta għandha t-tifsira ta' ***inċident*** (Eng. *case*), tinkiteb 'każ', bil-plural 'każi/każijiet'.

7. ***Il-ħoss fonetiku 'dz'***

Għalkemm fil-Malti niktbu żona (ħoss: dzona); per tradizzjoni, fi kliem ieħor, dan il-ħoss dejjem inkiteb ***zz***: gazzetta, organizzazzjoni, mazza, magazzin. Għalhekk, għalkemm nistgħu nħalltuh mal-ħoss ta' ***zz*** fil-kelma 'mazzit', dan is-simbolu għandu jinżamm.

8. ***Is-suffiss barrani '-zione'***

Fil-Malti dan is-suffiss jinħass 'zjoni', jew 'zzjoni', jew 'żjoni'.

(a) Meta dan is-suffiss ikollu vokali qablu għandu dejjem jinkiteb

biz-'z' imtennija – edukazzjoni, intwizzoni, istruzzjoni, oġġezzjoni.

(b) Meta dan is-suffiss jiġi wara konsonanti għandu jinkiteb b''z' waħda – intenzjoni, manutenzjoni.

(c) Meta l-ħoss tal-konsonanti 'z' huwa ta' 'ż' għandu jinkiteb 'żjoni' – reviżjoni, diviżjoni.

9. ***Vokali 'i' jew 'u' imkarkrin***

Xi kliem li daħal mill-Ingliż, fih il-vokali 'i' jew 'u' imkarkrin. Dawn m'għandhom qatt jieħdu *j* jew *w* warajhom, imma għandhom isegwu r-regoli normali tal-Malti. Bħalma niktbu 'tmun, snin, inklina, studja' hekk għandna niktbu 'stim (steam)', 'tim' (team)/timijiet, 'skuter (scooter)', 'snuker (snooker)', 'illidja (led)'.

10. ***Kliem li fl-ilsien barrani jispiċċa b'konsonanti waħda iżda fil-Malti jinħass b'konsonanti mtennija***

Kliem bħal dan għandu jinkiteb b'konsonanti mtennija u jsegwi l-forom tal-Malti 'stann, ingann, ġenn, semm, malinn' – allura, niktbu 'plagg (plug), magg (mug), klabb (club), gass (gas)', u l-plurali tagħhom 'plaggijiet, maggijiet, klabbijiet, gassijiet'.

q **Nota:** F'xi kliem li jinkludu wħud minn dawn daħal il-plural Ingliż 's'. Dan ortografikament ma joħloq l-ebda diffikultà biex jinkiteb fil-Malti.

11. ***Ismijiet Proprji Barranin***

(a) Ismijiet proprji barranin għandhom jibqgħu jinkitbu bħal fl-oriġinal. Dan igħodd anki għal ismijiet li għandhom sura għalina fil-Malti, jekk min jikteb iħoss din il-ħtieġa (George/Ġorġ, Arthur/Turu, Joseph/Ġużeppi, eċċ). L-istess igħodd għal ismijiet ta' oġġetti bi 'trade mark' – Fanta, Kinnie, Blue Lable, Coca Cola, eċċ.

(b) Ismijiet ta' pajjiżi li ma ħadux għal kollox sura Maltija għandhom jibqgħu jinkitbu bħall-oriġinal jekk aħna nlissnuhom bħall-oriġinal – 'New Zealand', 'Manchester', 'New York', iżda 'Ċekoslovakkja, Russja, Svezja, Londra, Alġier, Ġibiltà, Indja, Awstralja, Kanada.

(c) Meta jkollna nżidu l-vokali tal-leħen 'i' bejn isem proprju li għadu jinkiteb bħall-oriġinal (jew reklam) u l-artiklu, din inżiduha skond ir-regoli tal-artiklu tal-Malti imma nżommu wkoll l-ittra kapitali tal-kelma fl-oriġinal. Għalhekk għandna niktbu l-iSpell, l-iStergene, l-iSprite.

(d) Aġġettivi mnissla minn nomi proprji jżommu l-ittra kapitali – futbol Ingliż, ikel Taljan, film Amerikan.

12. ***Duplikazzjoni ta' xi konsonanti f'nofs ta' kelma li warajhom insibu konsonanti oħra***

Il-Kummissjoni studjat xi kliem li jaqa' taħt din il-kategorija, u ma

setgħetx tiġi f'konklużjoni: kliem bħal riduplikazzjoni/ridupplikazzjoni, publikazzjoni/pubblikazzjoni, eċċ. M'għandna l-ebda regola fil-Malti li twaqqa' żewġ konsonanti bħal dawn, u ħafna drabi dan il-kliem fonetikament jieħu t-tixbiha ta' kliem Malti li jsegwi l-istess forma (farrkuhom, irkobbtejn, eċċ.). Terġa', ġie stabbilit uffiċjalment li l-kelma 'Repubblika' tinkiteb bil-konsonanti 'b' imtennija.

Jidher li hi meħtieġa iktar għajnuna biex din l-ambivalenza tinqata' darba għal dejjem.

13. ***Plurali ta' kliem li jispiċċa b'vokali aċċentata***

Il-plurali ta' kliem bħal dan għandu dejjem ikun 'jiet' u qatt 'jjiet' eż. diffikultajiet, universitajiet, virtuwijiet, bluwijiet.

14. ***Kliem 'sui generis'***

Hemm kliem, x'aktarx ta' użu internazzjonali, li billi jintuża l-iktar minn nies litterati u f'każijiet speċifiċi ma jidħolx fl-ilsien popolari. Dan il-kliem għandu jibqa' jinkiteb fis-sura oriġinali tiegħu – genre, deus ex machina, vis-a-vis, ex cathedra, eċċ.

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li fl-istampa kliem bħal dan għandu jinkiteb bil-korsiv/italiku.

## EGĦLUQ

Il-Kummissjoni li ħadmet fuq dan ir-Rapport uriet li għad baqa' ħafna x'wieħed igħid u jikkonkludi fuq għadd ta' kliem u regoli ortografiċi li l-Kummissjoni jew ma kellhiex tagħrif fuqu jew tant hu kbir li wieħed irid jiflih waħda waħda. Il-Kummissjoni ssuġġeriet, u l-Kunsill laqa' t-talba tagħha, li għandu jitwaqqaf Kumitat Apposta biex jiddiskuti u jagħmel rikmandazzjonijiet lill-Kunsill ta' l-Akkademja fuq diffikultajiet speċifiċi li tista' tiffaċċja l-ortografija Maltija minn żmien għal żmien.

*Rapport mgħoddi f'Seminar ta' l-Akkademja tal-Malti li sar f'Mount St. Joseph, Tarġa Gap, Mosta, fl-14 ta' April, 1984 u approvat u addottat mill-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' April 1984.*

*(*) Għall-Istorja wkoll, għandu jingħad li d-dokument li ħareġ mis-Seminar ta' ġurnata kien approvat unanimament mill-Kunsill ta' l-Akkademja fil-laqgħa li saret fil-kors tal-ġimgħa ta' wara l-14 ta' April, 1984.*

# NEKROLOĠIJA

Mill-aħħar ħarġa ta' *Il-Malti* ħallewna għal ħajja aħjar dawn il-membri Akkademiċi:

Il-Qarrejja u l-Membri huma mitlubin jiftakru fihom fit-talb tagħhom u ma jinsewx il-ħidma sfiqa tagħhom fi ħdan l-Akkademja.

## **DR ANTON BUTTIGIEG** miet fil-5 ta' Mejju, 1983

Is-sehem tiegħu fil-ġrajja letterarja Maltija hu marbut l-aktar mal-lirika tan-natura li hu jfisser b'lingwaġġ mimli devozzjoni lejn il-ħolqien kollu u l-aktar lejn id-dinja ta' l-annimali u tal-ħxejjex. Buttigieg hu wieħed mill-ilħna poetiċi li jiffurmaw tarġa oħra wara Dun Karm u li flimkien miegħu jsawru l-kwadru ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin u ta' l-ewwel egħxieren ta' snin tat-tieni nofs. Fi ħdan dik it-tradizzjoni Buttigieg inserixxa aħjar minn qabel il-lehma tad-djalogu man-natura u tal-misteru moħbi fl-oġġetti li jaqgħu taħt is-sensi 'l barra mill-belt industrijalizzata.

Buttigieg jibqa' mfakkar bħala l-poeta li identifika s-sentiment ma' l-ispirazzjoni. Immexxija minn xewqa li tumanizza kollox, imgħam-mda l-ħin kollu, imqanqla mis-sens tal-għaġeb imġarrab u mhux mifhum, il-lirika tiegħu daħħlet fit-tradizzjoni Ewropea lokali fil-principali tal-lehma romantika, jew aħjar tellgħetu għal ċertu livell ta' koerenza metaforika u teknika.

It-tifkiriet li kiteb fl-aħħar snin ta' ħajtu huma wkoll qasam ieħor li jsaħħaħ il-persunalità mżewqa tiegħu. Il-politiku, il-parlamentari, il-president, il-bniedem tassew pubbliku huma faċċati li fil-memorji tiegħu jidhru bħallikieku l-aqwa komponenti tar-ruħ tiegħu, iżda hija l-poeżija li tipprova tagħti koerenza u trodd għamla ta' kontinwità bejn xejra u oħra. Il-volumi tat-tifkiriet ta' ħajtu, minsuġin kif inhuma mat-tifkiriet ta' Malta nazzjon, soċjetà u familja, jistgħu jitqiesu bħala punt ta' riferiment "storiku" għall-għarfien ta' l-attwalità tal-poeżija tiegħu.

Bil-mewt tiegħu naqas persunaġġ ieħor li kien jorbot l-imgħoddi

letterarju mal-preżent differenti li ninsabu fih. Il-kontribut miktub, madankollu, jibqa' hemm bħala paġna interessanti fi ġrajja li fil-mument li għex fih hu setgħet tilqa' l-kisbiet bikrija u twassalhom għall-maturazzjoni tagħhom.

## **GODFREY ZARB ADAMI** mièt fit-18 ta' Mejju, 1984

Twieled l-Isla fis-27 ta' Settembru 1911. Għadda mill-Matrikola ta' l-Università fl-1929 u studja l-Italja, l-Ingilterra u l-Amerka.

Zarb Adami jibqa' miftakar l-aktar għall-karriera tiegħu fil-qasam ta' l-Edukazzjoni fejn daħal l-ewwel darba bħala għalliem fl-iskejjel Primarji tal-Gvern fl-1929 u spiċċa pensjonant bħala Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni. Għamel is-sentejn ta' taħriġ għall-għalliema fis-snin 1931–1933 f'*St. Mary's College*, Middlesex. Fis-snin 1944–1949 għallem il-Malti fil-kulleġġi *St. Edward's* ta' l-Imdina u Bormla. Kien ukoll il-*lecturer* tal-Malti u l-Istorja ta' Malta fiż-żewġ kulleġġi għat-taħriġ ta' l-għalliema *Mater Admirabilis* u *St. Michael's*. Fl-1949 laħaq *Visual Education Officer*. Imbagħad fl-1956 inħatar Kap ta' Skola u ftit wara spettur fl-iskejjel tal-Gvern. Sar Spettur Ewlieni fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fl-1969 u sena wara nħatar Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Daħal membru fl-Akkademja tal-Malti fl-1941 u bejn is-snin 1950–1972 kien is-segretarju onorarju tagħha. Kien f'dan iż-żmien li Zarb Adami beda jikteb l-istorja ta' l-Akkademja.

Kiteb u ppubblika fost affarijiet oħra *essays* fi *Il-Malti* u f'*Melita Historica*. Ippubblika wkoll l-*Istorja tal-Malti*. Tħabat u stinka ma' l-awtoritajiet biex tingħata xi forma ta' għajnuna finanzjarja lill-awturi ta' kotba bil-Malti. Kemm-il darba ntgħażel biex ikun l-eżaminatur ta' karti tal-Malti f'għadd ta' eżamijiet pubbliċi u ta' konkorsi letterarji.

Kien bniedem dħuli, ikellem lil kulħadd bi tbissima, ċajtier u ta' l-affari tiegħu ħafna. Kien jaf joqgħod jisma' u jagħti l-parir meta u fejn meħtieġ. Għex karriera ta' għalliem u ta ħafna minn dak li tgħallem lil ta' madwaru.

## **ERIN SERRACINO INGLOTT** miet fit-22 ta' Awissu, 1983

L-istudjuż kien għadu qiegħed jirrevedi l-*Miklem* tiegħu meta l-mewt għalqitlu dan il-perijodu importanti f'ħajtu: iż-żmien meta x-xogħol li ħadlu tant snin minn ħajtu kien qiegħed jidher f'damma ta' volumi li jagħtu dinjità lil-librerija Maltija u wisq aktar lill-istħarriġ lingwistiku Malti. Is-snin twal ta' attenzjoni u reviżjoni li hu ta għat-tiswir tal-*Miklem Malti* jistgħu jinftiehmu aħjar anki mill-aspett soċjali ta' ħajtu: bniedem aktarx ġentili u soċjevoli, Erin kien ukoll bniedem li jibża' mill-ħela tal-ħin u mill-infiq tal-ġranet fix-xejn. Imħabba f'hekk l-akbar sodisfazzjon kien isibu fl-egħluq ta' l-istudju tiegħu fejn kien igħaddi jiem sħaħ.

Il-ġrajja tal-lessikografija Maltija trid terfa' post ewlieni għal Erin Serracino Inglott. Is-serjetà tiegħu, u min-naħa l-oħra anki s-setgħa polemika tiegħu, mibnija dejjem fuq is-serjetà tal-viżjoni tiegħu ta' riċerkatur li jistħoqq il-qima anki meta hu kkonfrontat b'viżjoni differenti, huma xejriet li jgħaqqdu bħallikieku f'persunalità waħda żewġ estremitajiet li donnhom ma jiltaqgħux, waqt li kienu l-armonija tal-karattru tiegħu. L-istudju u d-dibattitu, t-tiftix u l-argumenti dwaru: dawn iż-żewġ attitudnijiet jiffurmaw il-karattru ta' bniedem mitfugħ għall-istudju u devot ġenwin tal-lingwa Maltija.

Il-kitba tiegħu bil-versi kif ukoll ix-xogħlijiet tal-proża jissuktaw iseddqu din l-istess definizzjoni tiegħu ta' lessikografu. Fil-vers u fil-paġna tal-proża hemm ukoll il-fittiex tal-kelma, in-namrat tal-ħoss, id-devot tal-lingwa li għalih hi wkoll monument ta' qedem, kultura u storja soċjali.

Ħalliena wkoll seħibna MARIO AGIUS, li tagħrif dwaru jidher fil-ħarġa ta' *Il-Malti* li tmiss.

Gutenberg Press Żabbar Tel: 897037